Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, is-7 ta' Novembru 2023**

**Distrett Birkirkara**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**Versus**

**Daniel Cucciardi**
**(329386M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Daniel Cucciardi** ta' 31 sena, iben Saviour Cucciardi u Doriette nee' Spiteri imwieled Pieta' fid-9 ta' Lulju 1986 u residenti Blk B1, Flat 5, Triq il-Watar, Ta' Xbiex, detentur tal-karta tal-identita' 329386M.

Akkuzat talli nhar l-10 ta' Gunju 2017 ghall-habta tas-18:15hrs gewwa Triq G. Dimech Debono, Birkirkara, b'diversi atti maghmula minnhu li gew maghmula fi zminijiet differenti pero' li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi;

1. Minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biex jezercita dritt li jipretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu innifsu lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Jeffrey Xuereb fil-pussess ta' hwejjgu b'xi mod iehor kontra l-ligi jew indahal fi hwejjeg ta' haddiehor.

Rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-4 t'April 2021 il-Perit Borg Costanziipprezentat r-rapport li gie mmarkat BC1[1] u xehdet fil-31 ta' Ottubru 2019 in eskuzzjoni mill-Avukat tal-*parte civile*. Il-Perit Borg Costanzi qalet illi l-bitha fil-livell tal-garaxx kienet mal-garaxx u meta marret fuq il-post kien hemm gradilja. Hi dahlet fil-proprjeta' ta' Cucciardi u l-*parte civile* kienu hemm dakinhar u kien hemm il-pulizija, izda ma tafx jekk dahlux jew le, hi zgur ma qaltilhomx biex ma jidhlux. Ix-xhud qalet illi ma tafx jekk Cucciardi dahal fil-bitha tal-garaxx ghax trid tghaddi minn passagg dejjaq. Fir-rapport kitbet illi l-pajpijiet kienu ghaddejin minn fuq hajt komuni u ma tressqet l-ebda prova biex jigi ppruvat bil-kontra. Ix-xhud ikkonfermat li kienet qieghda tipprezumi li kienet komuni ghax ma kellha ebda prova kontra u kienet ipproponiet seduti, izda l-partijiet ma kienux qablu. Ikkonfermat illi l-gradilja hija ostaklu ghad-dawl u l-arja li kienet tgawdi l-bitha.

Illi fit-28 ta' Frar 2020 xehed il-Perit Claude Mallia li kkonferma z-zewg rapporti tieghu, wiehed tal-hajt divizorju li jifred il-bitha tal-klijent tieghu minn mal-gar, li kien fih xi tlieta jew erba' filati u t-tieni rapport kien dwar servizzi ghaddejjin mill-arja tal-bitha tieghu. Fil-kontro ezami hu qal illi ma marx fil-bitha tal-klijient tieghu, u lanqas ma mar fuq in-naha l-ohra u lanqas fit-terrazzin.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-konfront tal-imputat kien hemm zewg kawzi dwar incident f'zewg okkazjonijiet differenti. Illi mix-xhieda li gew mressqa, liema xhieda kienu jghoddu ghaz-zewg kawzi, m'hemm xejn dwar id-data tal-kawza odjerna u ghalhekk fic-cirkustanzi din il-Qorti ma tista' qatt issib htija.

Illi wara li rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali kif ukoll ix-xhieda, il-Qorti hija konvinta illi l-imputazzjoni fil-konfront ta' l-imputat ma' gietx ippruvata sal-grad rikjest mill-Ligi

[1] Fol. 32

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati u qed tilliberah mil-akkuza migjuba kontrih.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**